# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 18**

**Rikors numru 121/16AL**

**Carmelo Micallef**

**v.**

**Mary Ciantar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur Carmel Micallef mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-25 ta' April 2017, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba tiegħu għan-nullita` taż-żwieġ.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-

ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :
>
> > "1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta' Frar 1974 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum il-gurnata huma lkoll maggorenni (hawn anness certifikat taz-zwieg DOK A);
> > "2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat it-8 ta' Frar 2000 u dan wara diversi snin illi kienu ilhom 'de facto' separati;
> > "3. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;
> > "4. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;
> > "5. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb fl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;
> > "6. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitilu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
> > "7. Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi l-korteggjament u l-gherusija tal-kontendenti kien tali illi minhabba l-istil ta' hajja taghhom, it-tip ta' hbieb li kellhom u l-vizzji illi ppermettew lilhom infushom u lil xulxin, huma qatt ma kellhom opportunita' jsiru jafu l-karattri ta' xulxin sew sakemm izzewgu ;
> > "8. Illi meta zzewgu, il-kontendenti wrew ruhhom ghal kollox inkapaci illi jerfghu u jwettqu l-pizijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga. In oltre, huma ma kienux kapaci illi jifformaw u jsostnu rapport shih kemm emottivament u kif ukoll fizikament ;
>
> "Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :
>
> > "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-24 ta' Frar 1974 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;
>
> "Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;
>
> "Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;
>
> "Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : fol. 10
>
> > "1. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel u t-tieni paragrafi tar-rikors promotorju;

"2. Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba tar-rikorrent ghad-dikjarazzjoni tal-annulament taz-zwieg taghhom b'dan pero ma ghandha tigi addebitata l-ebda tort u/jew responsabbilita da parti tal-istess esponenti;
"3. Illi l-kap tal-ispejjez ghandu jigi unikament soffert mill-istess rikorrenti;

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti millum ingunt ghas-subizzjoni;

"Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

"Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

"Rat l-affidavits tal-partijiet;

"Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

"Ikkunsidrat:

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

"Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta, li ġie kkontrattat fl-24 ta' Frar 1974, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), 19(1)(f) u/jew 19(1)(h) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

"Il-Qorti tirrileva illi hawn si tratta minn żwieġ illi ġie kkontrattat fl-1974 u cioe meta l-Att dwar iż-Żwieġ kif nafuh illum, ma kienx fis-seħħ. L-Att dwar iż-Żwieġ kien oriġinarjament ġie fis-seħħ fl-1975 permezz tal-Att XXXVII tal-istess sena u ġie emendat sostanzjalment permezz tal-Att XXXIV tal-1981. Qabel l-1975, u cioe fl-1974 meta żżewġu l-partijiet f'din il-kawża, f'Malta iż-żwiġijiet rikonoxxuti kienu biss dawk reliġjużi u l-liġi viġenti kienet dik Kanonika u cioe l-Kodiċi Pio-Benedittin.

"Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna illi l-validita` o meno ta' żwieġ partikolari kellu jiġi eżaminat fit-termini tal-liġi viġenti fil-mument meta jkun ikkontrattat l-istess żwieġ. Dana kien l-insenjament tal-Qrati tagħna fil-kawżi fl-ismijiet <u>Louis Agius vs. Georgia Agius</u>[2] u <u>Anthony Licari vs. Caroline Licari</u>[3].

"F'<u>Louis Agius vs. Georgia Agius</u>, il-partijiet kienu resqu għaż-żwieġ fl-1972. L-attur talab id-dikjarazzjoni tan-nullita` taż-żwieġ tagħhom fl-1982 u sostna li l-Qorti kellha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Att XXXIV tal-1981. Il-Qorti ta' Prim'Istanza u cioe il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1986, laqgħet it-talba tal-attur u ddikjarat iż-żwieġ null ai termini tal-Artikolu 19(1)(b) tal-Att XXXIV tal-1981 mingħajr ma stħarrġet liema liġi kellha tiġi applikata. Il-Qorti tal-Appell eżaminat liema kienet il-liġi rilevanti għall-każ u wkoll tat l-

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 t'Ottubru 1988, (Ċitazzjoni Numru: 181/82);
[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 t'April 1996, (Ċitazzjoni 40/1993GCD);

interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 24, illum l-Artikolu 36[4], tal-Att dwar iż-Żwieġ. Il-Qorti stipulat: *"Minn dan isegwi li l-estensjoni tat-retroattivita` tal-artikoli imsemmija għaż-żwieġijiet li saru qabel il-15 ta' Lulju 1975, ġiet mil-leġislatur limitata biss għal dawk il-każijiet fejn iż-żwieġ ma kienx validu skond il-liġi viġenti meta ġie kontrattat. Jiġifieri jekk żwieġ kien validu skond il-liġi viġenti meta sar, dak kollu provdut fl-Att XXXVII tal-1975 ma jistax jolqot il-validita` tiegħu, mentri jekk ma kienx hekk validu allura l-artikoli msemmija jistgħu ukoll jiġu invokati."*

"Biex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Appell saħansitra rreferiet għad-dibattitu li sar fil-Kamra tar-Rappreżentanti fit-tieni qari tal-Att, meta fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1975, l-Onorevoli Dr. Anton Buttigieg li ppilota l-abbozz qal hekk fir-rigward ta' kawżi ta' annullament ta żwiġijiet ġja kkuntrattati: *"Pero` dak li sar huwa validu, naturalment, u ma jistax titħassar u jekk hemm xi ħadd li qiegħed jistenna li bil-liġi tagħna se jħassar iż-żwieġ tiegħu, jiddispjaċini, għandna aħbar ħażina għalih, għandna liġi iktarv stretta u iktar serja".* F'dak il-każ, irriżulta mingħajr dubju li ż-żwieġ tal-kontendenti, żewġ Maltin, ċelebrat f'Malta skond ir-rit Kattoliku, fiż-żmien li ġie kontrattat kien regolat bid-dritt Kanoniku. L-istess żwieġ kien ġja ġie attakkat fit-Tribunal Ekklesjastiku, fejn instab illi kien żwieġ validu. Illi għalhekk il-Qorti tal-Appell ma setgħetx tapplika id-dispożizzjonijiet tal-Att XXXVII tal-1975 għall-imsemmi żwieġ li kien validu skond il-liġenti viġenti.

"F'<u>Anthony Licari vs. Caroline Licari</u>[5], il-Qorti aċċettat l-argument tal-konvenuta li sostniet li jekk iż-żwieġ kien validu skond il-liġi viġenti fiż-żmien meta kien ċelebrat ma jistax isir invalidu jekk il-liġi tinbidel wara. Dikjarazzjoni ta' nullita` tfisser li ż-żwieġ meta sar, kien null; għalhekk huwa loġiku li nħarsu lejn il-liġi kif kienet meta kien ċelebrat iż-żwieġ. Jekk il-liġi kien validu meta sar, ivesti drittijiet u obbligazzjonijiet fil-partijiet; dawn id-drittijiet ġja akkwistati ma jistgħux jintlaqtu minn liġi li ssir, sakemm din ma tgħidx espressament li għandha effett retroattiv. Il-Qorti ma laqgħetx l-argomenti tal-attur li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24(1) il-liġi riedet li tkun retroattiva, għaliex is-sub-inċiż (2) tal-istess artikolu kien ċar u fatali għall-argomenti tal-attur. Il-Qorti żiedet li l-argoment tal-attur ifisser li l-validita` taż-żwieġ ikun jiddependi minn meta nfetħet il-kawża u mhux jekk kienx jiswa skont il-liġi meta ġie ċelebrat. *"Din l-interpretazzjoni tmur kontra l-prinċipju tad-drittijiet akkwiżiti u toħloq element ta' instabilita` u inċertezza.*

---

[4] Għalkemm fl-1996 ġie emendat l-Artikolu 36, fis-sustanza ma nbidel xejn u dan għadu sallum jaqra hekk:
*"**36. (1) Ħlief kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 18, 19, 19A, 20 u 35 għandhom japplikaw għaż-żwiġijiet kollha li jkunu saru sew qabel sew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, magħdud ukoll żwieġ li dwaru jkunu nbdew il-proċedimenti qabel dak il-bidu fis-seħħ.***
***(2) Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha -***
***(a) tolqot il-validità ta' żwieġ li kien validu meta sar;"***

[5] Ġja ċċitata

*Min daħal fi żwieġ li kien validu meta sar akkwista drittijiet u ma jistgħux jitħassru dawn id-drittijiet b'dak li jsir wara; ma jistgħux jibqgħu soġġetti għall-inċertezza ta' x'jista' jiġri 'l quddiem."* Għalhekk il-Qorti affermat illi l-emendi tal-1981 ma kienux japplikaw għaż-żwieġ quddiemha.

"Fl-1999, il-Qorti jidher illi almenu f'kawża waħda, aċċettat l-argument illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi kif inhuma llum japplikaw għaż-żwiġijiet kollha inkluż dawk illi ġew ikkontrattati qabel ma ġie fis-seħħ l-Att dwar iż-Żwieġ.

"Fil-każ in eżami, bejn il-konjuġi Micallef, il-Qorti għandha quddiemha kunsens li ngħata fl-1974 u cioe qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att relevanti. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-insenjament tal-ġurisprudenza li l-validita` o meno taż-żwieġ għandha tkun deċiża skond il-liġi viġenti fil-mument tal-għoti tal-kunsens hija korretta u timmerita li tkun segwita.

"Illi fil-każ in eżami, l-attur jitlob li ż-żwieġ tiegħu jiġi nvestigat ai termini tal-Att XXXIV tal-1981, u jinvoka l- Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), 19(1)(f) u/jew 19(1)(h) tal-imsemmi Att. Illi tenut kont li l-Att ma kienx fis-seħħ meta l-kontendenti taw il-kunsens tagħhom, allura ċertament l-Att m'huwiex il-liġi rilevanti għaż-żwieġ bejn il-partijiet. F'dan il-każ, bħal fil-każijiet iċċitati ta' Agius u ta' Licari, jirriżulta mingħajr dubju li ż-żwieġ tal-kontendenti, żewġ Maltin, kien iċċelebrat f'Malta skond ir-rit Kattoliku, u li fiż-żmien li ġie kontrattat kien regolat bid-dritt Kanoniku. Isegwi għalhekk illi t-talba kif dedotta, u cioe n-nullita` taż-żwieġ ai termini ta' Att li ma kienx biss fis-seħħ meta żżewġu l-partijiet, ma tistax tiġi akkolta. Illi se mai, il-validita` o meno tal-imsemmi żwieġ, għandha tkun mistħarrġa skond il-liġi kanonika viġenti fl-1974.

**"DEĊIDE**

"Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tiċħad</u>** it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur".

**<u>Rikors tal-appell tal-attur Carmel Micallef (15.05.2017):</u>**

3. L-attur Carmel Micallef ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

4. **<u>L-aggravju</u>** tiegħu bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel qorti

kkonkludiet li t-talba tiegħu kif dedotta (cioe` biex jiġi dikjarat li ż-żwieġ li seħħ fl-24 ta' Frar **1974** bejnu u bejn il-konvenuta huwa null ai termini tal-Artikoli 19(1)(ċ),(d),(f),u/jew (h) tal-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap 255) ma setgħetx tiġi akkolta peress li l-Att Dwar iż-Żwieġ ma kienx fis-seħħ meta żżewġu l-partijiet[6].

5. Fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet "Anthony Licari vs Caroline Licari" jaċċenna għall-fatt li l-ewwel qorti ikkwotat biss mis-sentenza tal-Prim' Awla (30.04.1996) fejn ġie deċiż li l-emendi tal-1981 fir-rigward tal-Kap 255 ma japplikawx retroattivament għal żwiġijiet li seħħew bejn l-1975 u l-1981[7] u skartat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri (31.05.2002) fejn ġie deċiż li l-emendi tal-1981 fir-rigward tal-Kap 255 invece għandhom japplikaw retroattivament anke għal żwiġijiet ċelebrati bejn l-1975 u l-1981. Iżid jgħid li fl-umli fehma tiegħu dan l-istess raġjonament għandu japplika ukoll fir-rigward ta' żwiġijiet li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 255, bħal fil-każ odjern.

**Risposta tal-appell tal-konvenuta: (31.08.2018)**

6. Il-konvenuta appellata wieġbet biex tgħid li ma topponix għat-talba tal-attur appellant purche` ma tiġi addebitata l-ebda responsabbilta` lilha u l-kap tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi jiġi unikament soffert minnu.

[6] L-Att Dwar iż-Żwieġ ġie fis-seħħ permezz tal-Att XXVII tal-1975
[7] Il-każ kien jirrigwarda żwieġ li seħħ fl-1977

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali:</u>**

7. Kif fuq spjegat, dan l-appell jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap 255) għandux japplika retroattivament għal żwiġijiet li seħħew qabel ma' ġie fis-seħħ permezz tal-Att XXXVII tal-1975.

***<u>A: Liġi:</u>***

8. <u>L-Artikolu 36 tal-Kap 255 jipprovdi hekk</u>:

> *"1. Ħlief kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 18, 19, 19A, 20 u 35 għandhom japplikaw għaż-żwiġijiet kollha li jkunu saru sew qabel sew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, magħdud ukoll żwieġ li dwaru jkunu nbdew il-proċedimenti qabel dak il-bidu fis-seħħ.*
>
> *"2. Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha –*
>
> *(a) tolqot il-validità ta' żwieġ li kien validu meta sar; jew*
>
> *(b) tolqot it-tkomplija fis-seħħ ta' sentenza li jkollha effett f'Malta li tkun res judicata fil-15 jew qabel il-15 ta' Lulju, 1975.*
>
> *"3. Meta tkun meħtieġa l-firma ta' xi persuna li ma tafx jew ma tkunx tista' tikteb, il-ħtiġijiet ta' dan l-Att ikunu sodisfatti jekk minflok il-firma tagħha jitqiegħed sinjal b'salib ta' dik il-persuna awtentikat kif provdut fl-artikolu 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew mir-Reġistratur.*

***<u>B: Ġurisprudenza relattiva għall-kwistjoni odjerna:</u>***

- **<u>Antonia Micallef vs Carmelo Micallef</u>**

*(P.Awla, 26.11.2002, FDP)*

9. Din il-kawża kienet tirrigwarda żwieġ li ġie ċċelebrat fl-**1962**. Il-Qorti irriteniet illi huwa paċifiku li żwiġijiet li ġew ċelebrati qabel id-dħul fis-seħħ l-Att tal-1975 ġew ukoll inklużi fl-Att, iżda il-validita` o meno tagħhom kellha tiġi eżaminata fid-dawl tal-liġi viġenti meta kienu ċelebrati (cioe` l-Liġi Kanonika), u huwa biss fil-każ li jirriżulta li ż-żwieġ ma kienx validu taħt tali liġi li huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Kap 255:

> *"Illi jrid jigi mill-ewwel rilevat illi dan iz-zwieg sehh fl-1962 waqt illi l-Att taz-Zwieg (Kapitolu 255) gie imdahhal fl-1975; illi mill-ezami tad-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti u dawn kif imsahha bl-iskorta ta' gurisprudenza imsemmija fir-relazzjoni, huwa pacifiku li in kwantu ikkonsidrat iz-zwigijiet li kienu gew celebrati qabel id-dahla fis-sehh ta' l-imsemmija ligi, ghalkemm dawn gew ukoll inkluzi, pero`, il-validita` o meno ta' dawk iz-zwigijiet kellha tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi li kienet vigenti meta kienu celebrati u cioe` il-Ligi Kanonika. Illi dan ifisser li ghal zwigijiet iccelebrati qabel l-1975 il-Qrati taghna ghandhom jezaminaw jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika dak iz-zmien, u l-Att ta' l-1975 ikun applikabbli biss jekk l-imsemmi zwieg ma kienx validu skond dik il-ligi allura vigenti; ghalhekk il-validita` o meno taz-zwieg bejn il-kontendenti ghandha tigi analizata fid-dawl tad-dritt kanoniku u ta' l-interpretazzjoni li inghatat dwaru; biss jekk tali analizi twassal li z-zwieg kien null taht dawk id-disposizzjonijiet, illi tista' ssir referenza ghall-Artikoli l-ohra tal-Kap. 255".*

10. Wara li l-qorti għamlet eżami tal-provi rriżultalha li l-kunsens kien simulat. Qieset li s-simulazzjoni hija kontemplata fil-liġi kanonika (l-liġi applikabbli għaż-żwieġ bejn il-kontendenti) u ddikjarat null iż-żwieġ bejn il-kontendenti a tenur tal-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap 255).

- **<u>Charles Atkins vs Matilde Atkins</u>**

*(P.Awla, 02.10.2003, RCP)*

11. Din il-kawża kienet tirrigwarda żwieġ li ġie ċċelebrat fl-**1973**. Il-Qorti spjegat li għalkemm l-Att XXXVII tal-1975 bdiet tirregola ż-żwiġijiet ċivili madanakollu ma tolqotx dawk iż-żwiġijiet li kienu validi taħt il-liġi viġenti meta ġew iċċelebrati.

> *"Illi l-artikolu 36(2), li qabel kien l-artikolu 24 ta' l-Att ta' l-1975 jghid testwalment:-*
>
> > *'Ebda haga f'dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita' ta' zwieg li kien validu meta sar.'*
>
> *"Illi madanakollu, fid-dawl ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi l-Qorti ma tistax hlief tapplika ghal kaz in dizamina dik il-ligi li kienet tirregola z-zwigijiet meta gie celebrat iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti. Illi qabel ma giet promulgata l-Ligi Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kien hawn l-ebda regolament dwar l-istituzjoni taz-zwieg taht il-ligi civili. Din is-sistema kienet tirregola biss l-effetti taz-zwieg (Kodici Civili), pero' ma kienx hemm regoli tad-dritt civili li jirregolaw il-kostituzzjoni valida taz-zwieg u dwar id-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwigijiet. Illi in mankanza ta' din il-ligi d-drawwa evolviet li z-zwieg kellu jigi celebrat in linea mar-riti preskritti mir-religjon tal-partijiet.*
>
> *"Illi l-provvediment transitorju ta' l-Att XXXVII ta' l-1975, kien gie ppromulgat, ghalhekk, sabiex jaqta` linja bejn l-applikazzjoni tal-ligi religjuza personali tal-partijiet u l-ligi l-gdida ppromulgata mill-Parlament. Iz-Zwigijiet ghalhekk li gew iccelebrati qabel l-1975 kellhom jigu regolati bil-ligi in vigore dak il-hin, li fil-maggoranza tal-kazijiet kienet il-ligi kanonika. Dan jixhduh id-diskussjonijiet fuq din iddispozizzjoni tal-ligi mid-dibattiti tal-Kamra tar-Rapprezentanti. Madanakollu l-Qrati taghna matul il-medda taz-zmien taw l-interpretazzjoni taghhom ghal din id-dispozizzjoni transitorja u l-applikabbilita` taghha fil-kawzi fejn qieghed jintalab l-annullament ta' zwieg li gie iccelebrat qabel l-1975.*
>
> *"Illi sentenza li dahlet fil-fond fuq dan l-argument hija bla dubju s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fl-ismijiet "Louis Agius vs Giorgia Agius xebba Gauci", fejn il-Qorti studjat l-applikabbilita ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975, kif emendata, ghal zwigijiet li gew iccelebrati qabel l-1975 fejn inghad li:-*
>
> > *' ... L-estensjoni tar-retroattivita` ta' l-artikoli imsemmija ghaz-zwigijiet li saru qabel il-15 ta' Lulju 1975 giet mil-legislatur limitata biss ghal dawk il-kazijiet fejn iz-zwieg ma kienx validu*

*skond il-ligi vigenti meta gie kontrattat."*

*"Jigifieri jekk zwieg kien validu skond il-ligi vigenti meta sar dak kollu provdut fl-Att XXXVII ta' l-1975 ma jistax jolqot il-validita' tieghu, mentri jekk ma kienx hekk validu allura l-artikoli msemmija jistghu wkoll jigu invokati. Kemm dan hu hekk jirrizulta wkoll mid-debate fuq is-Second Reading li sar fil-Kamra tar-Rapprezentanti fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1975 meta l-Onorevoli Dr. Anton Buttigieg li ppilota l-Abbozz fir-rigward ta' kawzi ta' annullament ta' zwigijiet gia kontrattati qal hekk:*

> *'Pero` dak li sar huwa validu, naturalment, u ma jistax jithassar u jekk hemm xi hadd li qieghed jistenna illi bil-ligi taghna ser ihassar iz-zwieg tieghu, jiddispjacini, ghandna ahbar hazina ghalih, ghandna ligi iktar stretta u iktar serja.'*

*"Illi dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li f'kazijiet ta' zwigijiet kontrattati qabel id-data msemmija, l-Qrati ghandhom fl-ewwel lok jezaminaw jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att imsemmi ta' l-1975 ma jistax jolqot dik il-validita`. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx hekk validu, li l-Att jista` jigi invokat pero' mhux altrimenti." (ara ukoll "Samuela Lea Pavia vs John Pavia" - PA 20 ta' Mejju 1996).*

*"Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-kontendenti izzewgu permezz tar-rit kattoliku u ghalhekk il-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kienet id-Dritt Kanoniku. Ghalhekk hawnhekk wiehed bilfors irid japplika dak dispost fil-Kodici ta' Dritt Kanoniku promulgat mill-organi kompetenti tal-Knisja Kattolika ghaz-zwigijiet biex jigi investigat qabel xejn jekk iz-zwieg li gie iccelebrat bejn il-kontendenti kienx zwieg validu. Illi f'dan ir-rigward ukoll madanakollu, ghandu jigi rilevat illi id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku li jirregolaw iz-zwieg, applikabbli fiz-zmien illi gie ccelebrat iz-zwieg mertu ta' din il-kawza kien ukoll differenti minn dak applikabbli llum, stante illi l-Kodici ta' Dritt Kanoniku gie wkoll emendat fl-1983 meta fost affarijiet ohra l-Knisja Kattolika tat definizzjoni taz-zwieg kattoliku u il-kunsens matrimonjali u, introduciet capita nullitatis ta' zwieg godda. Illi ghalhekk il-ligi applikabbli qabel l-1975 fir-rigward tad-dritt kanoniku kien l-hekk imsejjah Kodici Pio Benedittin ta' l-1917.*

*"IL-KODICI PIO BENEDETTINO ta' l-1917.*

*"Il-kanoni 1081(2) tal-Kodici Benedittin jghid is-segwenti dwar il-kunsens matrimonjali:*

> *"Consensus matrimonialis est actus voluntatis quo utraque pars tradit et acceptat ius in corpus, perpetum et exclusivum in ordine ad actus per se aptos ad prolis generationem."*
>
> *(Marriage consent is the act of the will by which both parties gives and receives the right over their bodies, perpetual and*

> *exclusive, ordained towards acts which in themselves are apt/suitable for the procreation of offspring).*

*"Il-Kodici ta' l-1917 ghalkemm ma jaghtix definizzjoni essenzjali taz-zwieg, jaghzel li jiddeskrivi l-essenza taz-zwieg meta jiddeskrivi l-att tal-kunsens ghaz-zwieg. Il-kunsens bhala att uman li ghandu effetti guridici jrid ikollu certi karatteristici. Nistghu nghidu li l-gurisprudenza kollha dwar il-validita` u l-invalidita` taz-zwieg hija bbazata fuq il-principju ta' jekk hemmx kunsens li jghodd jew le.*

*"Illi l-Kodici Benedettin ghalhekk fid-deskrizzjoni li jaghti tal-kunsens matrimonjali jesigi illi biex il-kunsens ta' zewg partijiet fiz-zwieg ikun validu jehtieg li dan ikun rizultat ta' att liberu u volontarju li permezz tieghu l-koppja reciprokament jaghtu u jikkoncedu il-Ius in corpus, esklussiva u perpetwa, liema dritt ghandu jkun intenzjonat ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. Antonio Abate fil-ktieb tieghu: "Il matrimonio nell' attuale legislazione canonica" jghid:*

> *"Dunque, la causa efficiente, la fonte prossima di ogni matrimonio particolare e' il consenso delle parti. ... Come atto di volonta, il consenso matrimoniale presuppone un atto dell'intelletto che gli presenti l'oggetto su cui deve portarsi, poiche' nulla si puo' volere senza previa conoscenza. Percio' e' necessario, prima di tutto, che sia un atto umano, che cioe` scaturisca da una cosciente e libera scelta di ambedue le parti. E' insieme un atto di volonta` personale che deve intercorrere direttamente fra le persone che si legano l'una all'altra senza possa essere supplito da alcuna autorita` umana. E' inoltre un atto di volonta` irrevocabile impossibile ad essere privato della sua efficacia una volta sia stato posto con tutti i requisiti inerenti alla sua natura."*

*"Il-Kodici Benedittin jitratta l-kunsens matrimonjali u d-difetti fil-kunsens fil-kanoni 1081 sa l-1093:-*

*"Kanoni 1082 jitratta dwar il-vizzju tal-kunsens minhabba injoranza dwar x'inhu z-zwieg u l-elementi essenjzali tal-hajja mizzewga.*

*"Kanoni 1083 jitkellem dwar l-izball dwar il-persuna li jwassal ghan-nullita` taz-zwieg.*

*"Kanoni 1084 jghid illi zball rigward il-kuncett ta' l-unita` taz-zwieg, l-indissolubbilita` tieghu jew inkella dwar iz-zwieg bhala sagrament ma hux vizzju tal-kunsens.*

*"Kanoni 1085 ukoll jghid illi l-kunsens matrimonjali ma jigix eskluz jekk ikun hemm twemmin fil-partijiet illi z-zwieg huwa wiehed null.*

*"Kanoni 1086 imbaghad jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali.*

*"Kanoni 1087 jitratta dwar il-vizzju tal-kunsens meta l-istess kunsens ikun gie mehud b'vjolenza jew biza`.*

*"<u>Kanoni 1088</u> jirrikjedi l-prezenza tal-koppja ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, personalment jew permezz ta' prokura u li l-istess iridu jesprimu bil-kliem il-kunsens taghhom ghaz-zwieg.*

*"<u>Kanoni 1089</u> jiddisponi dwar iz-zwieg "per procura".*

*"<u>Kanoni 1090</u> jitkellem dwar iz-zwieg li jsir permezz ta' nterpretu.*

*"<u>Kanoni 1091</u> l-obbligi tac-celebrant meta iz-zwieg isir per prokura jew permezz ta' nterpretu.*

*"<u>Kanoni 1092</u> jitratta dwar kunsens matrimonjali li huwa marbut ma' xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.*

*"<u>Kanoni 1093</u> jitkellem dwar zwieg li jigi ccelebrat meta jkun hemm l-ezistenza ta' xi mpediment validu.*

*"Illi ghandu jinghad illi ma' dawn il-capita nullitatis indikati fil-Kodici Benedittin, il-gurisprudenza rotali zieded ukoll bhala difett tal-kunsens matrimonjali l-principju tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li diga` kienet bdiet tigi applikata qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku ta' l-1983. F'decizjoni tar-Rota tad-19 ta' Dicembru 1961, <u>De Jore</u> kien issottolinea li*

> *'it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations."*

*"Din il-caput nullitatis giet ikkodifikata permezz tal-Kodici Kanoniku ta' l-1983. (ara sentenza "<u>Samuela Lea Pavia vs John Pavia</u>"- PA 20 ta' Mejju 1996).*

*"Illi jidher mill-kawzali tac-citazzjoni u anke mit-talba illi l-attur qieghed jibbaza l-kawza tieghu fuq id-difetti tal-kunsens ravvizati fil-paragrafi <u>(c) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255.</u> Ghandu jinghad qabel xejn illi l-ebda wahda minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi ma kienu jezistu fil-Kodici Benedittin izda kif inghad iktar 'il fuq il-gurisprudenza dejjem applikat bhala difett tal-kunsens matrimonjali l-principju tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Illi ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina din il-caput nullitatis fid-dawl tal-provi prodotti.*

12. Kif wieħed jista' jara l-ewwel Qorti osservat li l-Kodiċi Benedittin tal-1917 ma jikkontemplax il-*capita nullitatis* kontemplati taħt l-Artikolu 19(1)(ċ) u (d) li fuqhom kienet ippernjata l-kawża, pero` rrikonoxxiet li l-*caput nullitatis* tad-<u>difett ta' diskrezzjoni tal-</u>

ġudizzju fuq il-ħajja matrimonjali (kontemplat fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255) kien jiġi applikat fil-ġurisprudenza kanonika qabel ma ġie inkorporat fil-Kodiċi Benedittin fl-emendi tal-1983 u allura għaddiet biex tqis jekk dan jirriżultax mill-provi prodotti. Irriżultalha pero` li ma giex sodisfaċentement ippruvat illi xi wahda mill-partijiet kienet affetta minn difett ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-hajja matrimonjali u għalhekk ikkonkludiet li t-talba attrici fid-dawl ta' dan il-*caput nullitatis* ma setgħetx tintlaqa'. Irriżultalha invece mill-provi prodotti, li kien hemm simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali abbażi tal-Kanoni 1086. Spjegat li għalkemm l-attur ma bbażax it-talba tiegħu fuq tali vizzju tal-kunsens hija xorta kellha tgħaddi biex teżamina dan il-*caput nullitatis* peress li kif fuq spjegat minnha stess, skont dak dispost fl-Att Dwar iż-Żwieġ tal-1975, il-Qorti trid tara jekk iż-żwieġ kienx wieħed validu fiż-żmien meta ġie ċċelebrat skont il-liġi kanonika viġenti. Għalhekk laqgħet it-talba u ddikjarat iż-żwieġ bħala null a tenur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255[8] (cioe` l-artikolu korrispondenti).

- **Carmen Elizabeth Lama vs Eugenio Lama**
*(Q.Appell Superjuri, 02.10.2007)*

13. Din il-kawża kienet tirrigwarda żwieġ li ġie ċċelebrat fl-**1972**. Din il-Qorti tal-Appell Superjuri irriteniet illi b' applikazzjoni tal-Artikolu

[8] **Art. 19(1)(f):** Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ

36 tal-Kap 255 dak li kellha teżamina kien jekk iż-żwieġ in kwistjoni kienx validu skont il-liġi taż-żmien meta ġie ċċelebrat u huwa biss jekk jirriżultalha li ma kienx validu skont tali liġi (il-Kodiċi Benedittin) li jista' jiġi dikjarat null a tenur tal-Kap 255, jekk hemm raġuni għal tali nullita` ipprospettata fl-istess Kap 255. Fi kliem ieħor, qorti tista' teżamina n-nullita` ta' żwieġ li seħħ qabel fl-1975 fid-dawl ta' wieħed jew aktar mill-capita nullitatis li jissemmew fl-Artikolu 19(1) purke l-*caput nullitatis* in kwistjoni kien applikabbli għaż-żwieġ meta` sar u sa fejn kien applikabbli a tenur tal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.

> *"6. Din il-Qorti, ezaminati l-atti kollha, ma tara assolutament xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata. Il-posizzjoni legali ghal dak li jirrigwarda zwigijiet kontrattatti qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 giet spjegata minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1988 fl-ismijiet Louis Agius v Georgia Agius xebba Gauci. F'dik is-sentenza kien gie spjegat li l-kompitu tal-Qorti f'kazijiet simili kien li jigi ezaminat jekk iz-zwieg de quo kienx validu skond il-ligi vigenti li kienet tapplika ghalih meta sar. Fi kliem iehor, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 36 (gja` 24) tal-Kap. 255 dak li l-Qorti kellha taghmel kien li tezamina jekk iz-zwieg in kwistjoni kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar; u jekk jirrizultalha li dak iz-zwieg kien validu, allura dak kollu li hemm fil-Kap. 255 ma jistax jolqot dik il-validita`. Jekk, pero`, ma kienx validu allura z-zwieg jista' jigi dikjarat null jekk hemm xi raguni ghal tali nullita` prospettata fl-Att dwar iz-Zwieg. Kif gie osservat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet Evelyn Agius v. John Borg, il-konsegwenza ta' dan u mill-punto di vista prattiku, hi li kemm il-Qorti ta' prim istanza kif ukoll din il-Qorti ta' Appell tista' tezamina zwieg bhal dak odjern fid-dawl ta' xi wiehed jew aktar mill-capita nullitatis imsemmija fl-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, purche` li l-caput nullitatis in kwistjoni kien applikabbli sostanzjalment ghaz-zwieg meta sar u sa fejn kien applikabbli tenut kont tal-ligi vigenti meta sar. In fatti f'din is-sentenza Agius v. Borg il-Prim Awla kienet applikat il-kanone 1083(2) tal-Kodici Pio-Benedittin dwar l-error circa qualitatem personae u accennat ukoll ghall-kanone 1092 ta' dak il-Kodici b'referenza ghall-kunsens marbut ma' kondizzjoni de futuro (fejn*

> *id-disposizzjoni ta' dak il-Kodici kienet aktar ristretta fil-portata taghha minn dak li hemm fil-paragrafu (g) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255). "*

14. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel qorti (li wara li qieset li ma kienx jirriżulta li ż-żwieġ kien invalidu fit-termini tar-reġim eżistenti dak iż-żmien li ġie kkontrattat, u wara li irriteniet li allura fit-termini tal-Artikolu 36(2) tal-Kap 255 kien jonqos il-presuppost għall-applikazzjoni retroattiva tad-dispożizzjonijiet indikati fl-Artikolu 36(1), ċaħdet it-talba attriċi.) Jiġi nnutat li l-ewwel qorti, a differenza minn dak li għamlet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Atkins vs Atkins suċitata, in vista tal-fatt li l-attriċi naqset li tirreferi għall-kanoni li fuqhom setgħet tistrieħ it-teżi tagħha tal-invalidita` taż-żwieġ, ma dehrilhiex li kien kompitu tagħha li teżamina l-*capita nullitatis* kollha kontemplati fil-Kodiċi Bendittin sabiex tara jekk il-każ jinkwadrax taħt xi wieħed minnhom, iżda illimitat ruħha biex tikkunsidra dawk biss li jaqgħu ukoll taħt l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255: u cioe` il-Kanoni 1086 (simulazzjoni), il-Kanoni 1087 (vjolenza/biża') u l-Kanoni 1092 (kundizzjoni futura). Ikkunsidrat ukoll il-vizzju tad-*discretio judicii*, li għalkemm fiż-żmien taż-żwieġ ma kienx għadu kodifikat fil-Kodiċi Benedittin, kien diġa` introdott bħala prinċipju ġurisprudenzjali fid-deċiżjonijiet tar-Rota.

- **ABC, gia` D vs ED**

*(Qorti Ċivili – Sezzjoni tal-Familja, 01.11.2017, NC)*

15. Din il-kawża kienet tirrigwarda żwieġ li ġie ċċelebrat fl-**1974**. Il-Qorti osservat li <u>skont il-Kodiċi Benedittin</u> il-kawżali indikati fiċ-ċitazzjoni li abbażi tagħhom kienet qed tintalab dikjarazzjoni tan-nullita` taż-żwieġ a tenur tal-<u>Att Dwar iż-Żwieġ (Kap 255)</u>, jirreferu għall-kanoni 1087 (vjolenza/ biża'), 1082 (injoranza dwar x'inhu ż-żwieġ u l-elementi essenzjali tiegħu) 1086 (simulazzjoni). Qieset ukoll li għalkemm il-*caput nullitatis* tad-*discretio judicii* f'dak iż-żmien kien għadu mhux kodifikat fil-Kodiċi Benedittin kien jiġi kkunsidrat fil-ġurisprudenza Rotali. Tali *capita nullitatis* ma rriżultawlhiex pruvati u għalhekk ċaħdet it-talba attriċi.

- **<u>Joseph Bartolo vs Maria Dolores Bartolo</u>**

*(Qorti tal-Appell – 14.07.2008)*

16. Din il-kawża kienet tirrigwarda żwieġ li ġie ċċelebrat fl-**1972**. L-ewwel qorti kienet ikkonkludiet li meta ġie ċċelebrat ma kien hemm l-ebda *caput nullitatis* li seta' rrendih null fil-liġi viġenti dak iż-żmien. L-attur appella u sostna li l-ewwel qorti fl-eżami tal-validita` o meno taż-żwieġ kellha tikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Kap 255 u mhux tal-Kodiċi Benedittin tal-1917. Iżda l-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak li rriteniet l-ewwel qorti u cioe` li:

> "*Fil-kaz in disamina sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu huwa ghandu l-obbligu mhux biss illi jipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom; izda fl-ewwel lok ghandha tipprova [recte: ghandu jipprova] li z-zwieg taghha [recte: tieghu] ma' kienx validu taht il-ligi vigenti fiz-zmien li kien kkuntrattat u cioe` taht il-Ligi Kanonika in materja kif espressa fil-Kodici*

*PioBenedittin tas-sena 1917. U huwa fil-kaz biss li l-attur jirnexxi f'din il-prova, li l-Qorti hija legalment permessa li tghaddi ghall-ezami tal-paragrafi fuq citati ta' l-artikolu 19[1].”*

## Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti

17. In vista tal-insenjament ġuridiku suespost, jirriżulta li kienet wisq żbrigattiva u skorretta l-ewwel qorti fil-kawża odjerna meta ċaħdet it-talba tal-attur (li jiġi dikjarat li ż-żwieġ huwa null a tenur tal-Att Dwar iż-Żwieġ) abbażi tal-fatt li fiż-żmien li ġie kkontrattat iż-żwieġ kienet viġenti l-Liġi Kanonika u kien għadu ma ġiex fis-seħħ l-Att Dwar iż-Żwieġ. Għalkemm iddikjarat:

> *“Illi se mai il-validita` o meno tal-imsemmi żwieġ għandha tkun mistħarrġa skont il-liġi kanonika viġenti fl-1974”,*

hija imbagħad waqfet hemm. <u>Kien fil-fatt il-kompitu tagħha stess li tagħmel tali eżerċiżżju,</u> u imbagħad (i) f' każ li irriżultalha li ż-żwieġ kien validu skont il-Kodiċi Benedittin kellha tieqaf hemm u tiċħad it-talba tal-attur u (ii) f' każ li rriżultalha li kien invalidu a tenur ta' xi wieħed jew iktar mill-*capita nullitatis* kontemplati fil-Kodiċi Benedittin (inkluż id-*discretio judicii* li kien żdied fil-ġurisprudenza rotali),kellha tiddikjara ż-żwieġ null abbażi tal-*caput* jew *capita nullitatis* korrispondenti fil-Kap 255.

18. Din il-qorti għalhekk ser ikollha tagħmel l-eżerċiżżju li naqset li ma tagħmel l-ewwel qorti u cioe` li teżamina l-provi u biex tara jekk iż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fl-1974 kienx validu jew le a

tenur tal-Liġi Kanonika viġenti.

**<u>Provi:</u>**

***(a)*** ***<u>Affidavit tal-attur:</u>***

19. L-attur xehed illi huwa żżewweġ lill-konvenuta wara madwar 10 xhur għerusija, meta hu kellu 22 sena u hi kellha 19. Spjega li meta beda joħroġ mal-konvenuta kien għadu kemm ġie Malta wara sentejn jgħix l-Ingilterra u bħala konsegwenza kien iħossu "*skomdu*" Malta, kemm minħabba l-pagi baxxi u kif ukoll minħabba l-istil ta' ħajja differenti minn tal-Ingilterra, u anke minħabba l-fatt li f'Malta kien jgħix mal-ġenituri u mhux għal rasu bħal ma kien l-Ingilterra. Qal li lill-konvenuta kien għamilhlielha ċara <u>sa mill-bidu</u> li ma riedx jibqa' Malta u li kellu "*seba' mitt sena*" biex jerġa' jitlaq minn Malta. Qal li l-konvenuta kienet qaltlu li hija minn dejjem xtaqet li ssib lil xi ħadd, tiżżewġu u tmur tgħix barra minn Malta miegħu. Ġara li l-konvenuta kellha żija li tgħix il-Kanada u din offriet li tirranġalhom biex imorru jgħixu hemm wara li jiżżewwġu. Xehed illi fil-fatt iffissaw id-data tat-tieġ "*wara xi xahar biss*" tal-għerusija.

20. Spjega li fiż-żmien tal-għerusija hu u l-konvenuta ftit li xejn kienu joħorġu flimkien bħala koppja u kienu moħħhom biss biex jagħmlu l-preparamenti taż-żwieġ u l-arranġamenti biex jemigraw lejn il-

Kanada. Żied jgħid li hu kien jaħdem bħala *delivery man* li u wara x-xogħol kien joħroġ mal-ħbieb iżda lill-konvenuta mhix dejjem kien jgħidilha.

21. Qal li xahrejn fuq iż-żwieġ kienu telgħu jgħixu l-Kanada. Spjega li l-problemi bdew jidhru mill-bidu nett. Qal li

- il-konvenuta kienet imdejqa l-Kanada u kienet tħoss in-nuqqas tal-familjari tagħha, waqt li dan ma kienx il-każ fir-rigward tiegħu peress li ommu kienet mejta u missieru ma kellux relazzjoni tajba miegħu;
- hu kien jaħdem bħala xufier tat-trakkijiet bil-lejl u għalhekk matul il-ġurnata kien jorqod u meta kien jinserta "off" kien jiddejjaq joqgħod id-dar u kien jippreferixxi joħroġ mal-ħbieb;
- bażikament hi kienet toqgħod id-dar maż-żewġt itfal u hu kien ikun dejjem barra u allura ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom.

22. Huwa xehed li meta jħares lura jirrealizza li ma kinux ippreparati għaż-żwieġ, kienu għadhom żgħar u apparti minn hekk:

> *"moħħni kien biss illi mmur ngħix barra minn Malta u ma kontx tajt wisq importanza għaż-żwieġ."*

***(b) <u>Affidavit tal-konvenuta:</u>***

23. Il-konvenuta xehdet li lill-konvenut kienet tafu minn meta kienu l-iskola u imbagħad wara snin twal kienet iltaqgħet miegħu fir-Rabat. Qalet li għalkemm kien ġie lura minn barra biex jgħix Malta għal kollox kien xtaq jerġa' jmur lura. Spjegat li kellha ħafna sikkatura mingħand missierha u "*ma flaħtx iżjed f'dik il-ħajja*" u kienet tixtieq "*niltaqa' ma' xi wieħed niżżewwġu u insiefru*". Qalet

li meta ltqaqgħet mal-attur "*ġiet ix-xoqqa f' moxtha*". Xehdet li kienet ġiet iz-zija tagħha mill-Kanada u l-konvenut ġenninha biex jitilgħu magħhom. "*Missieri ma riedx iħallini. Jiena aktar webbist rasi*". Qalet li z-zijiet għamlulhom il-garanzija neċessarja biex jemigraw, pero` qalulhom biex jiżżewwġu Malta sabiex l-applikazzjoni tagħhom "*tkun aktar sabiħa u favorevoli". *Xehdet li fi żmien sena kienu żżewġu u tliet xhur wara emigraw. Spjegat li għall-bidu kienu joqgħodu maz-zijiet fil-Kanada imbagħad krew għal rashom.

> *"Kellu l-vizzju li wara x-xogħol kien imur il-Melita Club, każin tal-Maltin. Twieldu żewġ subien wara t-tielet u r-raba sena. Kont inħoss in-nuqqas tal-familja hawn Malta peress li hawn konna sebat aħwa. …..Huwa kien jaħdem ta' bil-lejl u allura matul il-ġurnata kien irid jorqod. Kont noħroġ bit-tfal biex inħalluh jistrieħ. Ma kienx iħobb joqgħod id-dar. Dejjem jitlaq 'il barra u waħdu….Jiena fuq hekk kont ingergirlu. Pero` kollu għal xejn. Kien jgħidli li jekk ma jogħġobnix stajt nitlaq…."*

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

24. Jibda biex jingħad li din il-qorti hija tal-fehma li l-kompitu tagħha hu li abbażi tal-provi prodotti teżamina jekk iż-żwieġ kienx validu ai termini ta' dawk il-*capita nullitatis* tal-Kodiċi Pio-Benedittin korrispondenti għal dawk tal-Kap 255 li ġew indikati mill-attur appellant bħala kawżali fir-rikors promotur (in lineja mal-insenjament fil-kawża <u>Lama vs Lama</u>) u mhux li teżamina l-*capita nullitatis* kollha tal-Kodiċi Pio-Benedittin (kif għamlet il-qorti f' <u>Atkins vs Atkins</u>).

25. Il-kawżali rilevanti huma dawn (enfasi ta' din il-qorti):

> *"(3). Illi l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa;*
>
> *(4). Illi l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tiegħu;*
>
> *(5). Illi l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat peress li kien inkiseb fl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;*
>
> *(6). Illi* ***għalhekk,*** *l-imsemmi żwieġ huwa null u bla effett għat-termini tal-****Artikolu 19(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (h).”***

26. Kif jista' jiġi osservat, il-kawżali nru (6) hija konsegwenza tal-kawżali numri (3, 4 u 5) li fuqhom hija ppernjata l-kawża odjerna. Din il-qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-kawżali 3, 4 u 5:

- It-tliet kawżali (3, 4, u 5) jirreferu għall-Artikoli 19(1)(ċ), (d) u (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ rispettivament. **<u>L-Artikolu 19(1)(h)</u>** ċitat fil-kawżali numru (6) m'għandu x' jaqsam xejn mal-imsemmija kawżali (3, 4, u 5) anke jekk ġie ppreżentat bħala konsegwenza tagħhom u għalhekk din il-qorti mhix ser tqis tali *caput nullitatis;*

- Il-*caput nullitatis* kontemplat fil-kawżali para (3) - cioe` l-**<u>Artikolu 19(1)(ċ)</u>** - ma kienx ukoll ikkontemplat fil-Kodiċi Pio-

Benedittin tal-1917 u għalhekk din il-qorti mhix ser tqis tali *caput nullitatis* (dan kif anke kienet irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Atkins vs Atkins suċitata);

- Il-*caput nullitatis* kontemplat fil-kawżali para (4) - cioe` l-**Artikolu 19(1)(d)** - għalkemm ma kienx ukoll ikkontemplat fil-Kodiċi Pio-Benedittin tal-1917, kien jitqies bħala *caput nullitatis* fil-ġurisprudenza rotali u għalhekk din il-qorti sejra tqisu;

- Il-*caput nullitatis* kontemplat fil-kawżali para (5) - cioe` **l-Artikolu 19(1)(f)** - huwa ukoll ikkontemplat fil-Kodiċi Pio-Benedittin tal-1917, taħt il-Kanoni 1086, li jittratta l-kunsens matrimonjali simulat u għalhekk din il-qorti sejra tqisu.

27. Għaldaqstant din il-qorti ser teżamina jekk mill-provi prodotti jirriżultax jekk il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi waħda minnhom kienx:

(i) vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa; u/jew

(ii) inkiseb bl-esklużjoni totali jew parzjali taż-żwieġ.

**(i) Id-difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa:**

28. Kif diġa` ġie ċċitat minn din il-qorti (*supra*), il-Prim' Awla tal-Qorti

Ċivili fil-kawża Atkins vs Atkins spjegat illi kien diġa ġie stabbilit fil-ġurisprudenza kanonika li huwa essenzjali li l-partijiet li jkunu ser jingħaqdu fiż-żwieġ:

> *"….be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations".*

29. Kif tajjeb kompliet tispjega l-imsemmija qorti fil-kawża Atkins vs Atkins, il-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhux dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratti in ġenerali, għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa kuntratt *sui ġeneris* u ta' ordni pubbliku, u għalhekk il-partijiet mhux biss għandu jkollhom il-kapaċita` li jagħtu l-kunsens iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-iktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ. Għalhekk meta l-kunsens ma jkunx ingħata bl-iktar mod liberu u bil-konoxxenza sħiħa ta' dak li jġib miegħu iż-żwieġ, allura ikun hemm dubju kemm il-kuntratt matrimonjali huwa wieħed validu. Kompliet tgħid:

> *"Illi madankollu l-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi".*

30. Issa fiċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni jirriżulta li meta l-attur u l-konvenuta iżżewġu kellhom 22 u 19 rispettivament. Għalkemm

kienu żgħar fl-eta`, dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li ma kellhomx il-maturita` sabiex jingħaqdu fiż-żwieġ. Il-konvenuta kellha ħafna sikkatura minn missierha u fi kliemha stess kienet tixtieq li tiltaqa' ma' xi ħadd, tiżżewwġu u titlaq tgħix miegħu barra minn Malta. L-attur da parti tiegħu wara li esperjenza l-istil ta' ħajja fl-Ingilterra kien imdejjaq Malta mhux biss bħala pajjiż, iżda wkoll għaliex spiċċa jgħix mal-ġenituri tiegħu, u tilef il-liberta` li kellu meta kien jgħix f'appartament għal rasu fl-Ingilterra. Għalhekk il-"pakkett" konsistenti fiż-<u>żwieġ</u> u fl-<u>immigrazzjoni lejn il-Kanada</u> kien pakkett attraenti għalihom it-tnejn u kien jirrappreżenta <u>ħelsien</u> mill-ħajja infeliċi tagħhom f' Malta.

31. Madanakollu għalkemm il-partijiet daħlu fiż-żwieġ għar-raġunijiet personali tagħhom ma jirriżultax mill-provi li ma kellhomx (jew parti waħda minnhom ma kellhiex) dik id-diskrezzjoni tal-ġudizzju rikjesta għall-ħajja matrimonjali fil-mument tal-għotja tal-kunsens matrimonjali, u cioe` biex jifhmu fhiex kien jikkonsisti ż-żwieġ u d-dmirijiet u l-obbligi tal-ħajja miżżewġa.

32. <u>Għaldaqstant it-talba tal-attur in kwantu ibbażata fuq dan il-*caput nullitatis* ma tistax tirnexxi.</u>

(ii) **<u>Is-simulazzjoni</u>**

33. <u>Il-Kanoni 1086 jipprovdi hekk:</u>

> *(1). Internus animi consensus semper praesumitur conformis verbis vel signis in celebrando matrimonio adhibitis.*
>
> *(2). At si alterutra vel utraque pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum, aut omne ius ad coniugalem actum, vel essentialem aliquam matrimonii proprietatem, invalide contrahit.*
>
> *(1). Il-kunsens interjuri huwa dejjem preżunt illi jikkorrispondi mal-kliem u ġesti wzati fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.*
>
> *(2). Jekk, madanakollu wiehed jew iktar mill-partijiet, b'att pożittiv tal-volonta` jeskludi ż-żwieg innifsu, jew kwalsiasi dritt għall-att konjugali, jew kwalunkwe proprjeta` essenzjali taż-żwieġ, jintrabat invalidament.*

34. Dan ikun il-każ meta persuna, minkejja li waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ tkun uriet li għandha x-xewqa tagħha li tintrabat fiż-żwieġ mal-parti l-oħra, fil-verita`, u cioe` internament, ma jkollhiex tali xewqa: dan għaliex hija tkun qegħda teskludi ż-żwieġ jew xi proprjeta`/proprjetajiet essenzjali tiegħu, u allura l-kunsens li hija tkun qegħda timmanifesta ikun wieħed simulat (parzjalment jew totalment).

35. Din il-qorti, mill-assjem tal-provi, hija konvinta illi dan kien il-każ meta l-attur ta l-"kunsens" tiegħu għaż-żwieġ mal-konvenuta. Wara li għamel sentejn jgħix l-Ingilterra huwa kien ossessjonat bl-ideja li jerġa' imur jgħix barra minn Malta. Kien miġbud lejn l-istil ta' ħajja fl-Ingilterra: lejn il-pagi aktar attrajenti minn dawk ta' Malta u lejn l-ambjent tal-ħruġ li esperjenza hemmhekk. Din il-qorti hija konvinta li huwa żżewweġ mhux għaliex verament xtaq li jintrabat fiż-żwieġ mal-konvenuta (bl-obbligazzjonijiet kollha

relattivi) iżda invece għaliex iż-żwieġ għalih kien l-unika mezz li kien qed jara biex ikun jista' jerġa' jesperjenza l-ħajja barra minn Malta (din id-darba flok l-Ingilterra, l-Kanada) u b' dak il-mod jaqla' paġa aħjar, u jiddeverti u jgawdi l-ħruġ ma' sħabu bħala ġuvni, kif kien jagħmel l-Ingilterra. Fil-fatt anke fiż-żmien qasir tal-għerusija mal-konvenuta f'Malta, hu u l-konvenuta ftit li xejn kienu jqattgħu ħin flimkien u spiss wara x-xogħol kien jiltaqa' ma' sħabu u lill-konvenuta kien jaħbilha u jgħidilha li kien sejjer id-dar. Anke wara li żżewwġu u emigraw lejn il-Kanada, xejn ma nbidlet is-sitwazzjoni, għaliex lanqas biss kien jissaporti joqgħod fid-dar ma' martu (u dan anke wara li twieldu ż-żewġ uliedu) u kien dejjem moħħu biex jintefa' l-każin mal-ħbieb kull ċans li kellu.

36. Min-naħa l-oħra l-kunsens tal-konvenuta ma jirriżultax li kien similment simulat. Għalkemm, kif fuq ingħad, hija daħlet fiż-żwieġ għar-raġunijiet personali tagħha, madanakollu ma jirriżultax li hija eskludiet, parzjalment jew totalment, iż-żwieġ, jew xi proprjeta` essenzjali tiegħu.

37. In vista ta' dan kollu din il-qorti hija tal-fehma li ż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fl-24 ta' Frar 1974 huwa null ai termini tal-**Kanoni 1086** tal-Kodiċi Pio-Benedittin, u dan minħabba li l-kunsens estern mogħti mill-attur sabiex jintrabat fiż-żwieġ mal-konvenuta kien wieħed simulat stante li internament huwa, invece, kien qed jeskludi ż-żwieġ. Isegwi allura li ż-żwieġ huwa

ukoll null ai termini tal-artikolu korrispondenti tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta: u cioe` tal-**Artikolu 19(1)(f)** :

> *"…żwieġ ikun null….jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieg".*

**<u>Decide:</u>**

38. Għal dawn il-motivi, din il-qorti tilqa' l-appell tal-attur, tħassar is-sentenza appellata, u tiddikjara li ż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fl-24 ta' Frar 1974 huwa null u bla effett legali ai termini tal-Kap 255.

39. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-attur, filwaqt li dawk ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr